MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tat-28 ta' Lulju, 2014

Numru. 1026/2003

**Artikoli 298C(5) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, Artikolu 7(1) tal-Kapitolu 63 tal-Ligijiet ta' Malta, Avviz Legali 407/07**

**Att III tas-sena 2002 u Att XXII tal-1994**

**Maġistrat**

**Dottor Consuelo Scerri Herrera LL.D. DIP. MATR. (Can)**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Joseph Cordina)**

**vs**

**-OMISSIS-**

**CONCETTA LIA**

**Il-Qorti,**

Rat li **-OMISSIS-**

U

**CONCETTA LIA** ta’ 32 sena, bint Emanuel u Grace nee’ Formosa, imwielda Pieta’ fil-4 ta' Dicembru, 1971 u residenti Blk D, Flt 10, Triq Wied Babu, Zurrieq u detentrici tal-karta tal-identita' numru 127072(M) giet imressqa quddiemha u akkuzata talli:

Fis-6 ta’ Dicembru, 2003, u fi zminijiet ta’ qabel, f’dawn il-Gzejjer, b’diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess dispozizzjonijiet tal-Ligi u li gew maghmula b’rizoluzzjoni wahda rceviet minn xi hadd iehor u cjoe’ Maria Fatima Mifsud, Victoria

Sciortino, Carmel Mifsud, Grace Grech, Lorraine Attard u Ali Alfred Mouldi jew kisbet minn ghand xi hadd iehor xi weghda li tinghatat, lilha jew lill-ohrajn, b'korrispittiv ghal xi self, imghaxijiet, jew xi qliegh iehor taht liema ghamla li jkun b'access minn dak li jkun permess bil-ligi.

Fl-istess cirkustanzi minghajr licenza moghtija mill-Awtorita' kompetenti, ghamlet kummerc ta' istituzzjoni finanzjarja f'Malta jew minn Malta minghajr licenza mill-Awtorita' kompetenti u cioe' selfet flus bl-imghax lil Maria Fatima Mifsud, Victoria Sciortino, Carmel Mifsud, Grace Grech, Lorraine Attard u Ali Alfred Mouldi.

Fl-istess cirkostanzi kisret jew naqset li thares xi wahda mid-disposizzjonijiet tal-Att XXII ta' 1994, jew xjentement kienet parti fl-ghemil, jew ipprokurat jew ghenet jew hajret l-ghemil ta' xi reat taht l-istess Att XXII tal-1994 dwar Istituzzjonijiet Finanzjarji billi selfet flus bl-imghax lil Maria Fatima Mifsud, Victoria Sciortino, Carmel Mifsud, Grace Grech, Lorraine Attard u Ali Alfred Mouldi.

Talli fl-istess cirkustanzi, ghexet ghal kollox jew in parti mill-qliegh tal-prostituzzjoni ta' Maria Fatima Mifsud u ohrajn.

Rat id-dokumenti kollha esebiti fosthom estratt mill-att tat-twelid tal-imputata li jinsab a fol. 2 u fedina penali li tinsab a fol. 4 tal-Process,

il-kunsens tal-Avukat Generali fil-konfront tal-imputata Concetta Lia mmarkat bhala Dok CJ 2 sabiex din il-kawza tista' tigi trattata b'mod sommarju u l-FIAT tal-Avukat Generali mmarkat bhala Dok CJ4 biex jittiehdu l-proceduri skond l-Artikolu 22 tal-Att 1994 dwar istituzzjonijiet finanzjarji fil-konfront ta' Connie Lia. Giet esebita ukoll Dok CJ7 li hi l-stqarrija ta' Connie Lia datata 15 ta' Dicembru, 2003.

Illi nhar is-16 ta' Dicembru, 2003 xehed l-**Ispettur Joseph Cordina** sabiex jiggustifika l-arrest tal-imputat u cioe' li giet prezentata l-Qorti taht l-arrest pero' ai fini ta' din il-kawza tali xhieda mhiex relevanti u ghalhekk mhux ser issir referenza ghaliha.

Illi nhar it-22 ta' Dicembru, 2003 rega' xehed l-**Ispettur Joseph Cordina** u spjega illi huwa kien qed jaghmel investigazzjoni dwar l-ghejbien ta' Maria Fatima Mifsud u fl-investigazzjoni mizmuma minnu isem George inqala' fl-ambitu ta' possibilita' ta' usura u kien hemm il-biza' li din Maria Fatima Mifsud setghet ghebet minhabba hekk. Huwa ghalhekk baghat ghalih u kellmu wara li tah is-solita twissija skond il-ligi. In segwitu gie mitlub jinvestiga usura li din Maria Fatima Mifsud kienet qed tallega li saret vittma taghha u li kellha taghti flus lil diversi nies u li minhabba f'dan kienet sparixxiet. Din Maria Fatima Mifsud kienet allegat li saret taf lil George Xuereb madwar tlett snin ilu tramite Connie Lia li gharafha bhala l-imputata. Din Mifsud kienet allegat li kienet issellfet minghand George Xuereb madwar Lm2,000 biex tehles id-dejn li kellha taghti lill-persuna l-ohra. U minn dakinhar

lil hawn baqghet bid-dejn ma' George Xuereb. Hi qalet f'din l-istqarrija li gieli gie ghall-flus hu, gieli giet Connie Lia, giet issikkata.

Ghaldaqstant hu ukoll baghat ghal Connie Lia pero' din ukoll zammet id-dritt tas-silenzju ghalkemm taha t-twissija skond il-ligi, u gharaf il-firma tieghu u l-firma ta' WPC Maruska Debattista fuq l-istqarrija taghha li esebixxa u li giet immarkata bhala Dok CJ7. Mifsud ikkonfermatlu li kienet qed tibza' kemm minn George Xuereb, minn Connie Lia kif ukoll minn persuni ohra. Qaltlu ukoll li meta ttehditilha l-istqarrija guramentata esebiet xi dokumenti li kellhom x'jaqsmu ma' George Xuereb u Connie Lia u regghet kkonfermatlu li l-flus li kellha taghti lil dan Xuereb kienu jammontaw flus kbar b'imghaxijiet esorbitanti, li kienet qed tigi mhedda, bezghet ghal hajjitha u qaltlu ukoll li kemm George Xuereb u kif ukoll Connie Lia gieli nizlu l-Marsa fejn hija kienet tiprostittwixxi ruhha u wara li tlesti kienu jitolbuha l-flus. Anke kien hemm nies ohra li ukoll gew imressqa u l-kaz taghhom qed jigi mismugh quddiem Qorti diversament preseduta.

Illi nhar it-22 ta' Dicembru, 2003 xehdet **Maria Fatima Mifsud** u spjegat illi hi nghatat it-twissija skond il-ligi mill-Qorti u hi ghazlet li tixhed. Hija tahdem bilfors. Tinzel il-Marsa biex tkun tista' thallas pagamenti. Hi xogholha li tmur mal-irgiel. Hija telqet mid-dar taghha fejn fiha jirrisjedu zewg uliedha. Hija gharfet lil Connie bhala wahda miz-zewg imputati fl-awla minghaliha kunjomha Xuereb u dan tghid ghax tisma' jghidu li Xuereb. Hija tafha bhala Connie.

Spjegt li din Connie marret ghandha fit-8:00am is-Sibt ta' hmistax ilu u qaltilha biex tlestilha l-flus u ma tqabbizhomlux lil George. Il-flus iridhom. Hija flus ma kellhiex. Riedet Lm150 bhala pagament. Hija kellha ukoll pagament iehor maghhom ta' Lm30 fil-gimgha u ghax ma tathomlux lil dan George spjegat li meta marret Connie din anke talbitha dawn it-Lm30 tal-gimgha ta' qabel. Lilha qaltilha biex hi tqis li tlestihomlu u biex ma tqabbizlux ic-cinga. Hija bezghet u harbet. Hi x-xahar l-iehor marret xi darbtejn ghand l-avukat u dan ghand Dr. Franco Debono u dan biex icempillu ghax hi kellha biza' minn George biex taghtih naqra tal-imghax. Meta hi kienet taghtih tal-imghax dan George kien jirrabja maghha u jghidilha tqabbiziliex ghax hu bilfors ikun irid il-pagament. Din l-istorja mal-imputati bdiet illi hi kellha taghti lil Twanny il-Bona u mbaghad l-imputata Connie qaltilha li taghha kien isellef. B'hekk hi saret taf lil George Xuereb.

Dan ilu xi tlett snin jew tlett snin u nofs. Spjegat li l-ewwel darba li hi sselfet il-flus minghand George Xuereb kien ghall-ammont ta' Lm3,000 u spjegat li dan kien sar b'kuntratt u mbaghad spjegat li l-ammont gie spicca biex kien ta' Lm6,000 u bl-interessi dan l-ammont telgha. Ir-rata tal-interessi kienet Lm1 b'Lm1. Spjegat li l-kuntratt hi ghamlitu dakinhar li hi ssellfet it-Lm3,000. Taf li kienu marru ghand Nutar Haz Zabbar pero' ma tafx min hu. Hi la taf taqra u lanqas taf tikteb. Spjegat li hi barra l-ufficcju tan-nutar George Xuereb lilha kien qalilha biex lin-nutar tghidlu li hi ser tissellef Lm6,000 u fil-fatt lin-nutar hekk qalulu. U hekk nizzel fuq il-kuntratt. Dan taf li tnizzel hekk

ghax qalilha n-nutar u spjegat li George Xuereb lin-nutar qallu li hu ma kienx ser johdilha nteressi, kien ser jaghmillha hekk bi pjacir fis-sens li lilha ma kienx ser johdilha nteressi. Spjegat illi ghal din il-firma tal-kuntratt ghand in-nutar kienu prezenti oltre n-nutar, l- imputata u George Xuereb, hi, Victoria Attard li hija t-tfajla tat-tifel taghha, binha Carmelo Mifsud, marret ukoll omm Victoria li jisimha Lorraine Attard u giet ukoll Grace Grech.

Giet mistoqsija jekk lin-nutar xi hadd minnhom kienx qal r-raguni ghala kienet qed taghmel dan is-self spjegat li ma tafx. Spjegat li dakinhar sar kuntratt ta’ haddiehor ukoll dwar self ta’ flus. Dan kien self bejn George Xuereb fuq naha u l-parti l-ohra li ssellfet kienet Victoria t-tfajla ta’ binha. Spjegat li meta sar il-kuntratt taghha l-partijiet kienu li hija kienet il-parti li qed issellef u George Xuereb kien dik il-parti li qed ssellfiha l-flus. Spjegat li hi kienet prezenti ghal meta Victoria ssellfet il-flus minghand l-imputati pero’ hi ma qaghditx taghti kaz dwar l-ammont ta’ flus li Victoria ssellfet. Spjegat li fuq il-kuntratt taghha hi ffirmat billi ghamlet salib u l-imputata u George Xuereb t-tnejn iffirmawh il-kuntratt taghha. Ipromettiet li f’seduta sussegwenti hija tesebixxi kopja tal-kuntratt.

Spjegat li fuq il-kuntratt taghha tnizzlu ukoll il-metodu tal-pagamenti u dan kien li hi thallas Lm150 fix-xahar u dawn il-Lm150 kienu gejjin mic-cekk tar-relief. Hi relief taqbad Lm159 u ghalhekk bhala ammont rimanenti jibqaghlha Lm9. Spjegat li hija lill-imputati qaltilhom li hija

kienet ser thallashom dan il-Lm150 fix-xahar mic-cekk tar-relief. Ic-cekk tar-relief bhala data mhux dejjem l-istess jasal. Spjegat li kien hemm miktub fil-kuntratt li jekk hi tonqos li taghmel tlett pagamenti wara xulxin ta' Lm150 il-wahda l-imputati kellhom id-dritt li jitolbuha l-ammont kollu f'daqqa. Spjegat li mbaghad fil-prattika meta hija falliet il-hlas mensili tal-Lm150 George kien qalilha li hija kellha taghtih Lm80 imghax. Spjegat li dawn it-Lm80 imghax bihom meta kienet qed taghtilhomlu ma kienux qed jitnaqqsu mill-ammont tal-kapital li hi sselfet.

Spjegat ukoll meta hi kienet taghtih Lm80 tal-imghax l-imputat George lilha kien jheddidha u jirrabja maghha ghaliex hi ma tkunx taghtu il-pagament. Spjegat li hi kienet qeghda l-Marsa u kien mar George Xuereb u kien hemm wiehed hdejha u dan George kien heddidha li lilha jwaddabha go dak il-Wied u dan lilha qalilha ukoll '*ghax ninzel ghalik u naqbad naghtik u tghidx kemm immeghkek*'.

Kienet qeghda bilqieghda fuq cint il-Marsa meta gara dan. Spjegat illi dan il-Wied qisu kanal tal-ilma. Hija ma tafx tghum u lilha ndikalha George Xuereb li kien ser iwaddabha f'dan il-kanal. Lilha George fil-bidu kien ghamlilha ktieb pero' imbaghad meta hi bdiet tghidlu biex inizlilha fuq il-ktieb hu qalilha biex hu jiehdu mieghu il-ktieb. Dejjem titlobulu dan il-ktieb u hu jghidilha mbaghad naghmilulek. Sa llum dan il-ktieb baqa' qatt ma tahulha. Hi kif diga' spjegat la taf taqra u lanqas tikteb u allura ma kinitx tnizzel hi u peress li hi ma kellhiex il-

ktieb ma tafx kemm hu l-ammont li sa issa hallset lill-imputat George Xuereb.

Hija ukoll minghand l-imputat George gieli ssellfet drabi ohra fuq ammonti zghar bhal perezempju meta kienet taghtih pagament kienet titolbu daqqa Lm100 u daqqa Lm150. Spjegat li minn dawn l-ammonti zghar li hi gieli talbet lil George dak kien tellghalha l-ammont Lm15,000. Spjegat li ghal kwantu ghal dawn l-ammonti zghar l-imputat George lilha kien ta ktieb u hi kienet tghidlu biex inizlilha. Dwar dan il-ktieb hija kienet tghid lil George biex hu jnizlilha l-ammonti pero’ dan kien jghidilha mbaghad inizlilha.

Spjegat li mbaghad l-ammont ta’ Lm15,000 saret taf bih ghax ratu miktub fuq dan il-ktieb u kif rat dak l-ammont iggennet. Hi dan il-ktieb in kwantu ghas-self ta’ ammonti zghar li kif spjegat skond l-imputat George telgha ghal Lm15,000, dan il-ktieb hi ghaddietu lill-Pulizija. Spjegat fl-okkazzjoni fejn l-imputat George kien nizel fejn il-kanal tal-Marsa fejn kien hemm hi u heddidha li jwaddabha fil-kanal spjegat li l-imputata  Connie kienet qaltlu dakinhar biex hu jaqtaghha u siktitu. Qaltlu l-kliem ezatt ‘*bizzejjed aqtaghha’*. Spjegat li l-imputati kienu jinzlu l-Marsa kull gimgha. Spjegat li lill-imputati gieli l-flus tathomlom il-Marsa u gieli tathomlom ukoll id-dar taghha.

Hawnhekk xtaqet taghmel korrezzjoni li d-dar kienet tmur Connie ghall-hlas tal-pagamenti pero’ il-Marsa kienu jmorru t-tnejn li huma u

cioe' l-imputata u George Xuereb. Spjegat ghalhekk in kwantu ghas-self kollu li kellha mal-imputati hi dejjem hallsithom dejjem jew il-Marsa u f'dak il-kaz kienu jkunu t-tnejn li huma jew inkella d-dar taghha fejn hemmhekk kienet tmur l-imputata Connie. Barra l-ammont ta' Lm159 fix-xahar tar-relief, hija kienet tiehu ukoll tal-mard u dan hu Lm28 u kif ukoll kienet tiehu children's allowance ghal zewgt'itfal pero' imbaghad dan spicca ghal tifla wahda. Spjegat li in kwantu ghac-cekk tac-children's allowance dan kien johodhom haddiehor. Spjegat li dawn il-flus kien johodhom haddiehor minhabba self li pero' ma hux l-imputata jew George Xuereb.

Spjegat li min kien qed johdilha ukoll ic-cekk tac-children's allowance kien qed johdilha ukoll il-pagament tal-beneficcju tal-mard fl-ammont ta' Lm28. Spjegat li hi ghalhekk minn dawn it-tlett beneficcji u cioe' mir-relief, children's allowance u beneficcju tal-mard lilha kien jibqaghla Lm9 fix-xahar. Spjegat li hi l-pagamenti li kienet taghmel lill-George Xuereb presenti fl-Awla kienet iggibom mix-xoghol u dan ix-xoghol hu ta' prostituzzjoni. Dan ix-xoghol kienet taghmlu l-Marsa u spjegat li dan kien fl-istess post fejn kienu jigu l-imputata u George Xuereb. L-imputata u George Xuereb kienu jafu x'xoghol taghmel hi. Spjegat meta hi kienet tkun qeghda xoghol il-Marsa kienu jmorru tas-CID u jkeccuha u hi dejjem telqet u ghalhekk ma kinitx f'pozizzjoni li taghmel pagamenti. Spjegat li f'okkazzjoni minnhom kienet qalet lil George li kienu ghadhom kif ghaddew tas-CID. Qaltlu li ma kinitx ser tibqa' hemmhekk. Hu kien irrispondiha li ma kienx jimpurtah u li l-pagament riedu l-ghada. Hija l-ghada nizlet il-Marsa biex taghmel il-

pagament pero' hi ma lahqitx ghamlitu. Lil George skartatu. Imbaghad l-ghada ghamlitu l-pagament lil George kienet qaltlu li l-gurnata ta' qabel kienet marida. Hawn xtaqet tispjega li hi meta qalet li nizlet biex taghmel il-pagament il-Marsa riedet tfisser li hi marret biex tahdem u kif taqla' il-flus mill-prostituzzjoni tghaddiehom lil George.

Spjegat li xi hmistax ilu kien is-Sibt hi telqet mid-dar. Dakinhar filghodu kienet marret l-imputata Connie u qaltilha biex hi tlesti l-flus u biex lil George ma tqabbizilux. Dakinhar stess xis-1:00pm marret ghand haddiehor biex tipprova tissellef Lm100 biex taghtiha lil George u ghand min marret ghand mara din ma taghtix, din qaltilha li ma jistghax ikun li hajjitha tibqa' sejra hekk. Hija allura la kienet taf li Connie jew George kienu gejjin id-dar ghall-flus bezghet u harbet mid-dar. Hija kienet marret sabet ghalqa zghira u qaghdet go fiha ghal xi erbat'ijiem u li kellha fil-basket kien flixkun ilma zghir u ghaddiet bih. U mid-dar hadet xi bicctejn hwejjeg kemm tiddobba. Qisu wara tlett ijiem li kienet harbet mid-dar kienet cemplet lil ta' faccata taghha. Hija staqsietha lil tal-faccata taghha Connie Borg jekk kienx gie xi hadd id-dar taghha u din irrispondietha li ma kienet rat lil hadd. Qaltilha biex tmur tghid lil Vicky u cioe' lil Victoria Sciortino li din hija t-tfajla tat-tifel u hi qaltilha biex hi tmur il-Belt ghand tal-Labour Office biex ic-cekkijiet iduru fis-sens li bdew imorru d-dar taghha. Hija mbaghad kellha n-numru tal-care on line. Cemplitilha. Din qaltilha biex huma jmorru hemmhekk halli jkunu jistghu jghinuha u qabditha ma' Antoinette u fil-fatt marret u dawn qabduha ma'

Antoinette li din tahdem hemmhekk. Hija ghalhekk waqghet taht il-care tal-179. Spjegat li fuq il-ktieb tas-self li kien fuq l-ammont li kien semma' dwar ammonti zghar imbaghad kien skopra li kellu mnizzel li kellha taghti Lm15,000 hi dan fuqu kienet tara lill-imputata Connie tikteb fuqu.

Illi nhar it-22 ta' Dicembru, 2003 xehdet **WPC 249 Maruska Debattista** u giet muriha DOK CJ7 li hija stqarrija tal-imputata Connie Lia li gharfitha presenti fl-awla u kkonfermat li qed taghraf il-firma taghha, dik tal-Ispettur Joseph Cordina. Ikkonfermat ukoll li l-imputata nghatat twissija skond il-ligi. Finalment ikkonfermat li l-imputata ghazlet li ma tiffirmax din l-istqarrija.

Illi nhar it-22 ta' Dicembru, 2003 xehed **Carmelo Mifsud** u spjega illi hu jahdem fil-gebel. Huwa t-tifel ta' Maria Fatima Mifsud. Jahseb li iktar minn sena ilu hu kien mar ghand nutar gewwa Haz-Zabbar. L-isem tan-nutar ma jafux. Hu mar ma' ommu flimkien ma' Victoria. Din Victoria hija t-tfajla tieghu. Hu ma jiftakarx li kien hemm haddiehor minn naha taghhom maghhom. Spjega li presenti ghand in-nutar kien hemm l-imputata fl-Awla u cioe' George Xuereb.  Huma kienu marru hemm hekk ghax huma kellhom problema u kienu marru hemm hekk biex jaghtuhom l-flus. Spjega li George kellu jsellfilhom il-flus. Spjega li f'din l-okkazzjoni George kien ta lil ommu bejn xi Lm3,000 jew Lm4,000 pero' l-ammont ma jafx ezatt u ukoll ta lil Victoria Sciortino t-tfajla tieghu, Lm2,500. Spjega li George kien ta l-flus lil ommu kif

ukoll it-tfajla tieghu Victoria quddiem in-nutar. Spjega li l-flus kienu ghoddewhom quddiem in-nutar kemm ghal dak li hu flus li rceviet ommu kif ukoll il-flus li rceviet Victoria Sciortino. Jghid George kien qal lin-nutar li hu kien tahom Lm2,500 qabel, kien qed jghaddilhom Lm2,500 dakinhar u dan inkwantu ghall-flus mghoddija lil Victoria Sciortino u kien qallu li allura l-ammont kollu li kien ghadda lil Victoria kien ta' Lm5,000 pero' fil-fatt Victoria Sciortino hadet Lm2,500. Spjega li lilhom George kien qalilhom barra l-ufficcju tan-nutar li l-flus li kien ser jghid lin-nutar li b'kollox kien ser isellef lil Victoria kien ta' Lm5,000. Pero' fil-fatt kien sellifha Lm2,500. George lilhom kien qalilhom li r-rata tal-interessi ta' dak is-self kien Lm1 b'Lm1 u spjega li hu kien kuntent. Spjega li dan il-kuntratt fuq is-self ta' Victoria, kien iffirmah in-nutar, Victoria, jidhirlu li anke hu ffirma u ffirmawh ukoll l-imputat u Concetta Lia. Pero' mhuwiex cert jekk kienux George jew Connie li ffirmaw il-kuntratt. Setghu ukoll kienu t-tnejn li ffirmaw il-kuntratt. Il-kuntratt li gie mnizzel kien li l-metodu tal-pagament kellu jkun ta' Lm150 fix-xahar. Gie mistoqsi jekk dan il-kuntratt fuq is-self ta' Victoria kienx tnizzel ir-rata ta' interessi spjega li ma jafx. Spjega li George kien qalilhom li jekk huma ma jhallsux l-Lm150 fix-xahar kellhom ihallsuh Lm80. Dan qalulhom barra l-ufficcju tan-nutar u li dawn it-Lm80 kienu jkunu bhala imghax u ghalhekk ma kienux jinqatghu mill-kapital. Hu qabel kien jghix fid-dar ta' ommu u xi hames xhur ilu telaq minn hemm.

Spjega li fil-perjodu li hu kien ghadu qed jghix fid-dar ta' ommu, l-imputata u George Xuereb gieli marru fid-dar ta' ommu. Dawn kienu

jigu ghall-pagamenti. Spjega li huma kienu jmorru biex jithallsu ghas-self kemm ghal dak li ghandu x'jaqsam ghas-self li ghamlet ommu kif ukoll dak li ghamlet Victoria Sciortino. Peress li huwa jghix ma' din Victoria Sciortino, hu ukoll kien qed jikkontribwixxi ghall-hlas tal-pagament. Meta huma gieli fallew l-pagamenti kienu jaghtuh Lm80.

Spjega li dan gara xi 10 darbiet u dan jigifieri hallsu l-ammont ta' Lm80 ghal ghaxar darbiet ghax ma kienux waslu biex ihallsu l-pagament ta' Lm150 il-wiehed. Spjega li l-attitudni ta' George meta hu kien jghidlu li ha jhallsu Lm80 flok il-Lm150 lilu ma kien jghidlu xejn, kien ghidlu '*all right Chal*.' Gieli kien hemm okkazzjonijiet fejn kienet Victoria ghax huwa ma kienx ikun id-dar li kienet tghid lill-imputat George li ma setghux ihallsuh il-Lm150 u tkun ghaddietlu it-Lm80 hi. Spjega li hu fil-presenza tieghu qatt ma sema' lil George jhedded lil xi hadd ghax ma jkunx ghamel il-pagament. Huwa la jaf jaqra u lanqas jikteb. Spjega li kien jinzamm ktejjeb dwar il-pagamenti dwar is-self ta' Victoria u dan kienu jiktbu fih George kif ukoll Victoria. Dwar li dawn Victoria u George kienu jiktbu fuq il-ktieb huwa qatt ma rahom jaghmluh imma dan kienet tghidlu biha Victoria.

Illi nhar it-22 ta' Dicembru, 2003 xehdet **Victoria Sciortino** u spjegat illi hi ma tigix it-tifla ta' Maria Fatima Mifsud izda hi t-tfajla ta' Carmelo Mifsud u spjegat li Carmelo Mifsud hu iben Maria Fatima Mifsud. Spjegat li qisu xi tlett snin ilu imma ezatt ma tafx kienet ghamlet kuntratt gewwa Haz-Zabbar. Ma tiftakarx l-isem tan-nutar.

Spjegat li originarjament Maria Fatima Mifsud kellha dejn ma' Twanny il-Bona u dan kien jheddidha. Spjegat imbghad li kien hemm George Xuereb. Hija u Carmelo Mifsud krew post u ghalhekk hi u Carmelo Mifsud hadu *loan* minghand George Xuereb u dan in kwantu kellhom bzonn l*oan* biex parti jhallsu l-post li kienu hadu u parti mill-istess *loan* ukoll kienet ser tintuza biex jghinu lill-omm Carmelo Mifsud u cioe' lil Maria Fatima dwar id-dejn li kellha ma' Twanny il-Bona u l-ammont li hija ssellfet kien ta' Lm2,500. Il-flus George Xuereb kien tahomla dakinhar quddiem in-nutar. Dan George kien qalilhom biex huma quddiem in-nutar jghidu li huma kienu ssellfu s-somma ta' Lm5,000 minghandu bir-rata ta' interessi ta' 8%. Fil-fatt huma ssellfu Lm2,500 b'rata ta' interessi ta' lira b'lira u spjegat li fisikament f'idejhom hadu Lm2,500. Ghand in-nutar presenti kien hemm hi, Carmelo Mifsud, Connie Lia li gharfitha bhala l-imputata l-ohra presenti fl-awla u George Xuereb. Kien hemm ukoll presenti n-nutar. Spjegat ukoll li omm Carmelo, Maria Fatima Mifsud kienet presenti. Spjegat li ommha ma kinitx marret dakinhar. Fil-kuntratt kien tnizzel li l-pagament kellu jkun ta' Lm150 fix-xahar fis-sens li kellhom ihallsu lura s-self lill-imputat George b'Lm150 fix-xahar. Kien hemm zmien fejn dan il-pagament ta' Lm150 ma kienux hallsuh u spjegat li l-George kien jehodilha Lm80 tal-imghax. Spjegat li l-ewwel okkazjoni fejn hija saret taf din tat-Lm80 tal-imghax kienet okkazzjoni fejn hija kienet qalet lil Maria Fatima Mifsud li l-pagament ta' Lm150 fix-xahar ghal xahar partikolari ma setghetx thallsu ghax kellha l-grizma tat-tifel u din qaltilha li ghal dan il-fatt l-imputat George ried Lm80 imghax. Imbghad baqghet kull meta ma thallasx il-Lm150 thallas Lm80 imghax. Spjegat li la George Xuereb u lanqas l-imputata

qatt ma heddewha. Spjegat li kien jinzamm ktieb dwar il-pagamenti. Kien bdih George. Spjegat li Connie kienet tikteb fuq dan il-ktieb ghax hi l-iktar li kienet tmur ghall-hlas tal-pagamenti. Ziedet tghid ukoll li hija ma kinitx tikteb fuq dan il-ktieb pero' hi kienet tnizzel fuq bicca karta. Il-kuntratt li ghamlu ghand in-nutar Haz-Zabbar u ukoll il-ktieb ta' George qeghdin ghandha. Ipromettiet li f'seduta ohra tippresenta dawn id-dokumenti. Spjegat li hu rari kien imur George ghall-pagamenti. Kienet tkun kwazi dejjem l-imputata Connie li kienet tmur ghall-pagamenti. Spjegat li ghall-pagamenti kienu jmorru Hal Ghaxaq. Qabel kienu jmorru fid-dar ta' Maria Fatima Mifsud u mbaghad bdew imorru d-dar taghha go Hal Ghaxaq.

Spjegat li meta Maria Fatima kienet harbet mid-dar kienet marret Connie d-dar taghha Hal Ghaxaq u kienet qaltilha li George ma kienx ha jibqa' jissaportiha ghax kienet ilha tidhaq bih. Spjegat pero' li fil-presenza taghha la l-imputata u lanqas George Xuereb ma kien hedded lil Maria Fatima Mifsud quddiemha. Spjegat li hi baqaghla taghti lil George Xuereb is-somma ta' Lm1,400 tal-imghax. Spjegat li hi lill- George Xuereb sa issa ghaddietlu Lm2,500, Lm1,100, disa' darbiet is-somma ta' Lm80 u ghad fadlilha taghtih is-somma ta' Lm1,400 u dan fuq l-ammont originali ta' self ta' Lm2,500.

Illi nhar it-22 ta' Dicembru, 2003 xehdet **Grace Grech** u spjegat illi hi ghadha kif inghatat it-twissija skond il-ligi mill-Qorti u hi ghazlet li tixhed. Hija tigi bint Maria Fatima Mifsud. Spjegat li ricentement

ommha kienet telqet mid-dar ghal xi jiem. Spjegat li ommha d-dar ghadha ma marritx lura u xtaqet tippreciza li kienet telqet mid-dar u sa llum ghadha ma marritx. Dakinhar li ommha telqet mid-dar li kienet il-gurnata tas-Sibt u dan hmistax-il gurnata ilu hi u ommha qamu filghodu, hadu belgha te, marru ghand il-mara ta’ huha hadu belgha te’ u panina bil-butir u mbaghad hi u ommha marru ghand Stella habiba taghha go Hal Tarxien. Spjegat li c-cekk tar-relief imur ghand Stella u hi tafdha lilha biss u din taghtihomlom fi flus. Hawn hekk hija xtaqet tirritratta din il-parti li qalet u xtaqet tghid li hija ssellfet Lm600 minghand din Stella Fiorini minn Hal Tarxien. Dawn il-flus issellfithom minhabba Reno li joqghod San Gorg, B’Bugia u dan ghax joqghod jheddidha u jsawwatha ghax ried flus minghandha dwar flus ta’ kera ta’ post. Hija kienet kriet post minghandu u dan il-post kien sitwat l-Imsida. Hija ma baqghetx toqghod f’dan il-post. Spjegat li dan Reno kien qieghed il-habs. Huma waqfu l-hlas tal-kera. Imbaghad kif hareg hija baqghet taghtih Lm10 kuljum. Imbaghad kif hareg lilha qalilha li kien ghad fadallha taghtih Lm3,000 u hi skond hi kien ghad jonqosha li thallsu l-ahhar Lm10. Hija ghalhekk kienet issellfet il-flus minghand Stella Fiorini minn Hal Tarxien biex tkun tista’ taghtihom lil Reno. Dakinhar li hija kienet marret ghand Stella kien hemm ommha maghha. Spjegat li ommha dakinhar lil Stella Fiorini ma kinitx talbitha flus. Spjegat li qabel hi u ommha kienu marru u hadu t-te’ u l-hobz bil-butir id-dar kienet marret l-imputata Connie li gharfitha presenti fl-awla. Kienet marret id-dar ghand ommha. Kienet qalet lil ommha illi George xeba’ jistennieha tghaddieh biz-zmien u kien dalwaqt jinfaqa’, xi haga f’dan is-sens.

Hija kienet marret dakinhar ghand Stella Fiorini biex tara kienx wasal ic-cekk tar-relief biex hi taqtalha minnu is-self li hija kienet ssellfet minghandha. Hija certa li dakinhar ommha ma kinitx saqsiet lil Stella Fiorini biex tislifha xi flus. Meta hargu minghand Stella Fiorini ommha qaltilha li kienet sejra biex tmur tixtri rigali tal-Milied ghat-tfal u qaltilha li sal-4.00pm kienet tkun id-dar pero' baqghet ma marretx. Hija taf li kienet imdejjqa. Lilha ommha kienet qaltilha ukoll il-kliem, '*imdejqa, ha mmur nitghallaq u ha mmur naqbez*.' Hija kienet staqsietha ghaliex hu hi kienet rrispondietha li ma setghetx tlahhaq mad-dejn li kellha. Dakinhar kien l-ahhar li rat lil ommha. Spjegat li l-imputata Connie gieli marret ghand ommha u din biex tiehu l-flus. Anke George Xuereb gieli mar ghand ommha u anke hu biex jiehu l-flus. Tiftakar li darba ommha baqghet tistahba gewwa ghax bdiet tibza'. F'din l-okkazzjoni kienet Connie wahedha, kienet qaltilha li ommha mhux hemm u telqet.

L-istess xhud fl-istess seduta in kontro ezami spjegat li dak is-Sibt li ommha kienet telqet mid-dar l-imputata Connie kienet marret ghand ommha.

Illi nhar it-22 ta' Dicembru, 2003 xehdet **Lorraine Attard** u spjegat illi hija toqghod id-dar ma' bintha go Hal Ghaxaq. Bintha jisimha Victoria Sciortino. Spjegat li qabel ma kienet toqghod ma' bintha kienet toqghod ma' Maria Fatima Mifsud u kien hemm bintha ukoll hemm u dana ukoll go Hal Ghaxaq. Spjegat li l-imputata u lil George Xuereb

gharfithom. Hija dawn tafhom ghax kienu jmorru fid-dar ta’ Maria Fatima Mifsud ghall-pagamenti. Il-pagamenti kienet thallashom Maria Fatima Mifsud. Il-pagamenti Maria Fatima Mifsud kienet taghmilhom lill-imputat George. Kienet ukoll tmur l-imputata l-ohra Connie u kienu ukoll isiru pagamenti lilha. Il-pagamenti dejjem kienet taghmilhom Maria Fatima Mifsud. Barra Maria Fatima Mifsud lil George kienet ukoll taghmel pagamenti t-tifla taghha Victoria. Hija qatt ma ghamlet xi kuntratt ta’ self ghand xi nutar.

Illi nhar il-21 ta’ Jannar, 2004 xehed **Robert Bugeja** u ghan-nom tar-Registratur tal-Qrati esebixxa Proces Verbal redatt mill-Magistrat Dr. Myriam Hayman rigwardanti nkjesta dwar Maria Fatima Mifsud li kienet irrappurtata nieqsa u li marret minn jeddha l-Agenzija Appogg fit-12 ta’ Dicembru, 2003. Flimkien ma’ dana l-Proces Verbal gie esebit ukoll nota tal-Avukat Generali kif ukoll Nota tal-Kummissarju tal-Pulizija li flimkien gew esebiti u mmarkati bhala Dok. RB1.

Illi nhar il-21 ta’ Jannar, 2004 xehdet **Maria Fatima Mifsud** u spjegat illi hi fid-deposizzjoni li tat fis-seduta tat-22 ta’ Dicembru, 2003 kienet semmiet li kienet ghamlet kuntratt mal-imputati dwar is-self. Spjegat illi hija fittxet ghal dana l-kuntratt biex tara issibux, pero’ ma sibitux.

Ikkonfermat illi hija kienet xehdet quddiem Magistrat fid-Depot tal-Pulizija f’inkjesta. Spjegat illi l-Ufficjal Prosekutur ghadu kif qralha minn fol. 25 sa fol. 31 tad-deposizzjoni li hija tat, liema fol. 25 sa fol.

31 huma formanti parti mill-inkjesta, li hija mmarkata u esebita bhala Dok. RB1. Spjegat illi tikkonferma l-kontenut ta’ dak kollu illi qralha l-Ufficjal Prosekutur f’dawna l-pagni tax-xhieda.

Giet murija dokument immarkat bhala MFM a fol. 49 tal-istess Proces Verbal esebit bhala Dok. RB1. Gharfet l-envelope illi huwa l-envelope li hija ghaddiet lill-Magistrat. Go dana l-envelope hemm notebook li fih indikati l-pagamenti ta’ flus li hija ghamlet lill-imputat George Xuereb u li hija accennat ghalih fid-deposizzjoni li qralha minnha l-Ufficjal Prosekutur illum meta hija xehdet quddiem il-Magistrat Inkwirent. (Sottolinear ta’ din il-Qorti).

L-Ufficjal Prosekutur indikalha illi fuq l-ewwel faccata tal-istess notebook – u dan qed tghidu ghax hija ma tafx taqra – hemm l-isem Maria. Dan ukoll qed tikkonfermalha l-Qorti illi l-isem fuq l-ewwel faccata tan-notebook huwa Maria. U ukoll qalilha l-Ufficjal Proskutur li hemm imnizzel ukoll ic-cifra ta’ hmistax-il elf u hames mitt lira (Lm15,500), u dana fuq l-istess l-ewwel faccata. Il-Qorti ukoll tikkonfermalha li hemm imnizzel ukoll dana l-ammont, u spjegat illi in kwantu ghal Maria dan hija jisimha Maria, u hija jidhrilha li hija ma haditx daqshekk flus minghand George fl-ammont ta’ hmistax-il elf u hames mija (Lm15,000).

Hija ghaddiet dana l-ktieb, in-notebook lill-Magistrat Inkwirenti u mbaghad il-Magistrat Inkwirenti ghamlet dana n-notebook fl-

envelope li hija ukoll qalet li gharfet. Spjegat li fuq dan n-notebook kienu jiktbu kemm il-George kif ukoll l-imputata Connie. Dana meta kienu jaghtu l-pagamenti lil Connie jew inkella lil George, dawn kienu jnizzlu l-pagament li tkun tathom. Tikkonferma li dana n-notebook hu esebit bhala Dok. MFM 2 a fol. 49 tal-Proces Verbal.

Illi nhar il-21 ta’ Jannar, 2004 xehdet **Victoria Sciortino** u spjegat

illi esebiet Dokument VSP1 ktieb blu li hija kienet ghaddiet lill-Pulizija. Dana l-ktieb ghandu qoxra principalment ta' kulur blu u dan huwa nofs pitazz. Fih hemm miktub il-pagamenti li hija kienet hallset lil George. Fuq dana l-ktieb kienet tikteb Connie Lia.

Spjegat li hija lil George hallsitu l-ahhar pagament xi tmiem Novembru, bidu ta' Dicembrum, tas-sena 2003. Fil-fatt spjegat li c-cekk kien waslilha fit-30 ta' Novembru, 2003. Xtaqet tippreciza li dwar dan il-pagament li semmiet, dan kien il-pagament ta' imghax u ma kienx, mhux pagament bhala bilanc mis-somma. Spjegat li l-ahhar pagament bhala bilac minn parti mis-somma kienet ghamlitu fis-7 ta' Novembru, 2003, u ghalhekk in kwantu ghad-dokument VSP1, l-ahhar entry li hemm indikata hija korretta ghajr pagament mill-bilanc tal-hlas tal-pagament mis-somma.

Fuq l-istess dokument VSP1, u precizament fl-ahhar linja miktuba f'dan id-dokument, hemm indikata somma ta' elf u erba' mija

(Lm1,400), u spjegat li dina tindika l-ammont ta' bilanc tal-pagamenti li hija ghad jonqosha thallas lil George. Fil-fatt spjegat li llum tikkonferma li dan huwa l-ammont li ghad ghandha taghti lill-imputat George. Ziedet tghid illi mis-7 ta' Novembru, 2003 'l hawn, in kwantu ghas-7 ta' Novembru, 2003 kienet taghtu l-ahhar pagament minn bilanc, pero' imbaghad minn dakinhar 'l hawn hija kull meta hallset lil George dejjem taghtu fuq hlas dwar l-imghax, u ghalhekk spjegat illi s-somma li ghad fadlilha ttih bhala pagament mill-bilanc huwa ta' elf u erba' mija (Lm1,400).

Xtaqet izzid tghid illi hija d-dokument li qieghda tesebixxi bhala VSP1 dan huwa sfilzat, u spjegat li bhala faccati miktubin hemm tlieta (3).

Esebiet dokument iehor li qed jigi esebit bhala VSP2. Spjegat li dan huwa kuntratt datat 6 ta' April, tas-sena 2000 u li huwa l-kuntratt ta' self li hija ghamlet ghall-ammont ta' elfejn u hames mitt lira (Lm2,500), u bhala fatt spjegat li ssellfet elfejn u hames mija (Lm2,500), pero' f'dan il-kuntratt tan-nutar imnizzel hemm l-ammont li hija ssellfet hamest elef (Lm5,000). Fuq dana l-kuntratt jindika illi hija s-self ghamlitu minghand Connie Lia. Fil-fatt ziedet tghid illi xi madwar hmistax-il gurnata wara dana l-kuntratt kien kellimha l-imputat George Xuereb fejn qalilha li xtaq illi jerga' jsir kuntratt halli jidher illi s-self kien sar minghandu u mhux minghand Connie Lia. Fil-fatt qalet li dan il-kuntratt sar.

Xtaqet taghmel precizazzjoni li fejn esebiet id-dokumenti Dok. VSP1 u Dok. VSP2, dawn gew esebiti bhala Dok. VSP1 u Dok. VSP2 rispettivament. Fl-istess kuntratt, u cjoe' dan li hija ghadha kif esebiet kopja tieghu bhala Dok. VSP2, spjegat li barra s-self li ghamlet hija minghand Connie Lia hemm ukoll is-self li Maria Fatima Mifsud ghamlet ukoll ma' Connie Lia.

Fil-fatt spjegat illi meta mbaghad wara George kien qalilha biex jergghu jaghmlu l-kuntratt, dan sar u fil-kuntratt il-gdid kien juri li hija ssellfet il-flus minghand George. F'dana ukoll it-tieni kuntratt anke Maria Fatima Mifsud ghamlet l-istess. In kwantu ghat-tieni kuntratt spjegat illi m'ghandix kopja tieghu.

In kontro ezami spjegat li in kwantu ghal dak li kien jitnizzel fuq id-dokument Dok. VSP1 spjegat li dak li jitnizzel f'dana d-dokument kienet tnizzlu l-imputat Connie Lia. Spjegat illi forsi kien l-ewwel pagament li taghtu jew fost l-ewwel pagamenti li taghtu li kien mela li l-kitba George Xuereb fuq id-dokument Dok. VSP1. Spjegat li l-bqija kienet timlihom quddiemha l-imputata Connie Lia. U tghid li dana jghodd ghat-tliet faccati li hemm miktubin fid-dokument Dok. VSP1.

Bl-Ingliz taf taqra xi haga, pero' bil-Malti batuta hafna. Spjegat li hija bl-Ingliz tikteb imma mhux hafna, pero' bil-Malti le. Hija n-numri taf tiktibhom.

B'referenza ghad-dokument Dok. VSP2, li huwa l-kuntratt, spjegat li n-nutar kien qarahulhom dana l-kuntratt u hija bil-Malti tifhem, u pero' spjegat illi hija personalment jekk tigi biex taqra dana d-dokument ma tafx naqrah, u dan qed tirreferi ghal Dok. VSP2.

Illi nhar it-21 ta'Jannar, 2004 xehed **in-Nutar Dottor Victor John Bisazza** u spjega illi gie muri d-dokument Dok. VSP2. Spjega li fl-ewwel parti ta' dan id-dokument hemm kancellament ta' debitu bejn Connie Lia, Victoria Sciortino u Maria Fatima Mifsud, fejn dawna hassru ghal kollox kuntratt ta' self, wiehed ta' hamest elef lira (Lm5,000) minn Connie Lia u Victoria Sciortino u l-iehor ta' sitt elef u tmien mitt lira (Lm6,800) maghmul minn Concetta Lia, xebba, a favur ta' Maria Fatima Mifsud. Din il-parti ta' dan id-dokument hija kancellament li kien qed jikkancella kuntratt iehor tieghu li kien sar fit-30 ta' Dicembru, 1999. U ukoll bl-istess dokument Dok. VSP2 thassru ukoll l-ipoteki relattivi.

Fit-tieni parti ta' l-istess kuntratt, u hawn allura qed jirreferixxi ukoll ghal dokument Dok. VSP2, spjega illi Victoria Sciortino ddikjarat ruhha debitrici a favur ta' George Xuereb bhala b'titolu ta' self fl-ammont ta' erbat elef u erba' mitt lira (Lm4,400), u spjega illi fit-tielet lok tal-kuntratt Maria Fatima Mifsud iddikjarat ruhha debitrici b'self favur ta' George Xuereb fl-ammont ta' sitt elef u sitt mitt lira

(Lm6,600). Korrezjoni: Pero' fil-kumplament tal-kuntratt hemm ukoll indikat il-metodu tal-pagamenti.

Spjega li huwa qieghed jghid hekk, jikkonferma illi Dok. VSP2 bhala kopja legali rrilaxxjata minnu bhala Nutar Pubbliku u ffirmata f'kull pagna. Spjega li lill-imputati t-tnejn jaghrafhom.

Mistoqsi mill-Ufficjal Prosekutur jekk jiftakarx in kwantu ghall-ewwel kuntratt li kien sar f'Dicembru, ta' l-1999 kienux ghaddew xi flus quddiemu, spjega illi ma jiftakarx. Spjega illi jekk ghaddew flus quddiemu dana kien jibdel in-natura tal-kuntratt b'somministrazzjoni ta' self.

Gie mistoqsi mill-Ufficjal Prosekutur jekk huwiex f'pozizzjoni li jesebixxi kopja ta' dan il-kuntratt illi kien sar f'Dicembru, tal-1998 u kkonferma u pprometta illi f'seduta ohra jaghmel dan.

Illi nhar is-16 ta' Marzu, 2004 xehed **in-Nutar Dottor Victor John Bisazza** u spjega illi b'referenza ghal dak li huwa xehed fis-Seduta tal-21 ta' Jannar, 2004, huwa bhala atti ghandu kuntratt ta' self li sar fit-30 ta' Dicembru, 1999. Dana huwa kuntratt ta' self maghmula minn naha wahda Concetta maghrufa bhala Connie Lia u min-naha l-ohra zewg partijiet, u cjoe' Victoria Sciortino u Maria Fatima Mifsud. Dana ippreceda l-kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu li huwa ghamel fis-6

ta' April, tas-sena 2000, u dan kien ir-rexxissjoni ta' kuntratt ta' self tat-30 ta' Dicembru, 1999.

Esebixxa kopja tal-kuntratt ta' self tat-30 ta' Dicembru, 1999 li gie esebit bhala Dok. VJB1. B'referenza ghal dan id-dokument, dana kien kuntratt ta' self, u dana s-self kien wahda lil Sciortino u l-ohra lil Mifsud. Il-kuntratt kellu l-modalitajiet tieghu, u dana jinkludi l-mod kif jithallas l-imghax, eccetra. Zied jghid anke wkoll li kien hemm l-Ipoteki Generali.

Xtaq jghid illi minn verifiki li ghamel ma jirrizultlux li sar xi kuntratt f'Dicembru, tal-1998 bejn il-partijiet illi kienu involuti fil-kuntratt ta' self li kopja tieghu esebixxa bhala Dok. VJB1. Dwar il-kuntratt ta' rexxissjoni li jgib id-data tas-6 ta' April, 2000, dana esebixxa kopja tieghu li giet esebita u mmarkata bhala Dok. VJB2. Spjega li dan l-istess kuntratt oltre r-rexxissjoni kien hemm kostituzzjoni ta' debitu gdida. Id-differenza mill-ewwel kuntratt li huwa kopja tieghu esebixxa bhala Dok. VJB1, illi daka l-kuntratt kien kuntratt ta' self u mhux kostituzzjoni ta' debitu.

Illi nhar is-16 ta’ Marzu, 2004 xehdet **l-Ispettur Louise Calleja** u spjegat illi giet murija stqarrija li tinsab minn fol. 39 sa fol. 46 tal-Proces Verbal esebit bhala Dok. RB1 u spjegat illi din hija stqarrija ta' Maria Fatima Mifsud mehuda fit-12 ta' Dicembru, 2003, u li ghat-tehid ta' din l-Istqarrija hija kienet prezenti. Dina Maria Fatima Mifsud

iffirmat b'salib. Gharfet ukoll il-firma tal-Magistrat Myriam Hayman ukoll fuq dina l-istqarrija.

Spjegat illi fis-7 ta' Dicembru, 2003, u dana ghall-habta tat-tlieta ta' wara nofsinhar (3:00 p.m.), certa Grace Grech, kienet ghamlet rapport lill-Pulizija taz-Zejtun u dina ghamlet rapport dwar *missing person* fis-sens illi rrappurtat li ommha Maria Fatima Mifsud kienet ilha nieqsa mid-dar mill-gurnata ta' qabel, cjoe' mis-6 ta' Dicembru, 2003. Hija procedura li in kwantu ghal rapport dwar *missing persons*, l-ghasses jirrappurtaw lilhom bhala Vice Squad fejn huma, flimkien mal-Ghassa, jaghmlu l-investigazzjonijiet necessarji in kwantu ghall-*missing persons*. Spjegat illi hija meta kellmet lil bint Maria Fatima Mifsud, u cjoe' lil Grace, dina qaltilha li l-ahhar li kienet ratha kienet il-gurnata ta' qabel u dana wara s-siegha ta' wara nofs inhar (1:00 p.m). Spjegat illi mbaghad huma hargu cirkolari tal-*missing persons* u bdew bl-investigazzjonijiet taghhom u kien fit-12 ta' Dicembru, tas-sena 2003 fl-ghaxra nieqes kwart ta' filghodu (9:45 a.m.) meta gew infurmati li Maria Fatima Mifsud kienet tinsab qawwija u shiha u kienet fittxet l-ghajnuna ta' persuni li m'hummiex fil-Korp tal-Pulizija.

Huma, minhabba li ghalihom dak ma kienx bizzejjed, biex jaghmlu l-accertamenti taghhom ordnaw li dina Maria Fatima Mifsud tingieb id-Depot, u wara li kienet tkellmet mas-Supretendent Alexandra Mamo hija rrilaxxjat l-istqarrija u wara ikkonfermatha bil-gurament quddiem

il-Magistrat tal-Ghassa fl-istess gurnata, u cjoe' il-Magistrat Myriam Hayman.

Illi nhar is-16 ta' Marzu, 2004 xehed **Ali Alfred Mouldi** u spjega li hu jahdem bhala *Delivery man* u jqassam il-laham. Huwa lill-imputata Concetta Lia u lil George Xuereb jafhom. Spjega illi huwa kien iltaqa' ma' George Xuereb l-ewwel darba ghaliex kellu bzonn jissellef xi flus ghax kellu bzonnhom minhabba claim ta' karrozza u huwa kien cempillu u kien mar hu ma' iehor. Dana ilu tal-inqas tliet snin ilu. Iltqaghu Bormla. Huwa cempel lil Xuereb ghax kellu bzonn il-flus u huwa qdieh. Hu qallu li ghandu bzonn mitejn lira (Lm200) u hu qallu li jiguh erba' mija (Lm400), u peress li huwa kellu veru bzonnhom il-flus qallu jzomm kemm irid.

Kienu marru ghand avukat gewwa Hal-Qormi u saret kitba li biha ntrabat li dana l-ammont ihallsu b'hamsin lira (Lm50) fix-xahar. Huwa mbaghad beda jhallsu, imbaghad huwa ma setghax ikompli jhallas u huwa kien ghamel xi tliet (3) pagamenti u dawna kienu pagamenti ta' hamsin lira (Lm50)-il wiehed u spjega l-istess imputat kien qallu li jekk huwa ried jissellef xi haga ohra ma kellux ghalfejn jaqta' l-ewwel self u seta' jissellef. Huwa mbaghad issellef xi tliet mitt lira (Lm300) ohra. Dana kien qallu li dawna kellu jhallashom f'pagamenti ta' mija (Lm100) fix-xahar u hu qallu ukoll li ta' dawna t-tliet mija (Lm300) kellu jhallas sitt mitt lira (Lm600). Imbaghad beda jaghmel pagamenti ta' mitt lira (Lm100) fix-xahar. Kien ghamel sena jaghtih bil-mitt lira

(Lm100) fix-xahar u minn din is-sena kien hemm pero' xi xahrejn li huwa tah hamsin lira (Lm50) flok mitt lira (Lm100) f'xahar, pero' spjega illi dawn kienu hamsin lira (Lm50) tal-imghax li ma jinqatghux mill-kapital, u dawn vuoldieri fejn huwa f'xahar ma kienx hallas il-mitt lira (Lm100) pagament kien hallas hamsin lira (Lm50) bhala imghax li ma jinqatax mill-kapital.

Imbaghad huwa beda jissellef minghand dak u minghand l-iehor biex ikun jista' ihallas u mbaghad spicca li ma jista' ihallas lil hadd, u mbaghad huwa kif beda jcempel ghall-pagament lil George, dana ma bediex jirrispondi t-telephone ghaliex jew inbidel in-numru tal-mobile jew inkella kien mitfi. Imbaghad huwa ghamel sena ma tahx u l-ahhar li rah tah daqqa ta' ponn go wiccu u qallu li kellu jtih sbatax-il mija (Lm1,700).

Huwa mbaghad tah *stereo television* u dana ma tahomlux lura ghax kien baqaghlu jtih. Issa dan l-ahhar beda jtih hamsa u ghoxrin lira (Lm25) kull hmistax-il (15) gurnata u waqaf issa. L-ahhar pagament ilu xi xahrejn, u l-ahhar pagament kien ta' tletin lira (Lm30). Il-pagamenti dejjem tahom lil George Xuereb. Spega illi mhux dejjem huwa direttament il-pagamenti tahom lilu ghax huwa kien jibza' u kien gieli jibghat lil huh iz-zghir.

Spjega illi meta huwa kien jaghti l-pagamenti lil George Xuereb, dan mhux dejjem ikun wahdu, gieli kien hemm l-imputata l-ohra li gharafha prezenti fl-Awla li kienet tkun hdejh.

Spjega li huwa meta kien jaghmel il-pagamenti lil George Xuereb, dan kien inizzel go note book tieghu u lilu kien jaghmillu karta, pero' il-karta li kien jaghtih huwa kien jarmiha ghax kien jibza' minn missieru. Huwa kien tkellem ma' Father, vuoldieri patri, beda jghidlu bil-problemi li kellu u l-Father kien lilu ghaddielu elf lira (Lm1,000) biex huwa jaqta' lil kulhadd u lil George Xuereb lanqas tah one cent ghax huwa deherlu li ma setghax ihallas dawk il-flus kollha. U spjega illi mbaghad George Xuereb lilu heddu li kien ha jtajru bil-karrozza u ha jsawtu jekk ma kienx se jhallsu, huwa kien heddu xi darbtejn u huwa mbaghad allura mar ghand il-Pulizija.

Spjega li fl-ahhar lilu George kien tah note book u kien nizzillu xi erba' pagamenti fih. Huwa dawn ghaddiehom lill-Ispettur Neville Aquilina, illum Supretendent. Huwa fuq struzzjonijiet tal-Ispettur Neville Aquilina, u cjoe' li lill-imputat George ma jibqax ihallsu, waqaf li jhallsu. Xi xahrejn ilu l-imputat George kien rah ghaddej bil-karrozza tieghu gewwa Sta. Venera, hu kien fil-karrozza tieghu, hu dawwar mill-ewwel biex isuq warajh u huwa harablu. Jaf illi l-imputat f'din l-okkazzjoni kellu karrozza Peugeot ta' kulur griz, registration number LCC-507. Spjega illi huwa kien kellem lill-Ispettur Neville Aquilina ghall-habta tal-bidu ta' Jannar ta' din is-sena.

L-istess xhud spjega li in kwantu l-kuntatti kollha li kellu ma George Xuereb, spjega li l-imputata Concetta Lia kienet tkun prezenti biss ghal xi uhud minn dawna l-okkazzjonijiet li huwa ltaqa’ ma’ George Xuereb. Huwa ma kellu x’jaqsam xejn ma’ dina Concetta Lia, la qatt ma kellmitu u lanqas hu qatt ma kellimha.

Illi nhar it-16 ta’ Marzu, 2004 xehed **Carlo Farrugia** u spjega li hu Senior Manager fil-Banking Unit tal-MFSA (Malta Financial Services Authority). Huwa gie mitlub biex jaghmel ricerki in kwantu ghal Concetta Lia, I.D. Number 127072(M) dwar jekk ghandhiex licenzji ta' hlas dwar l-istituzzjonijiet finanzjarji u mir-ricerki li ghamel jirrizulta li l-imputata m'ghandhiex licenzji u lanqas hija direttur jew ghandha shares f'kumpaniji li huma licenzjati biex jahdmu bhala istituzzjoni finanzjarja. Dana jkopri l-perijodu mill-1994 sa llum. Qabel l-1994 ma kienx hemm l-Att.

Illi nhar it-9 ta’ Gunju, 2004 xehed **l-Ispettur Joseph Cordina** u spjega li fid-dawl tal-awtorizzazzjoni mill-Qorti biex huwa jerga' jixhed stante li t-traskrizzjoni tad-depozizzjoni li huwa ta fis-Seduta tat-28 ta' April, 2004 ma kinitx dahlet fuq it-*tape* qieghed jerga' jixhed u qieghed jerga' jesebixxi d-dokument Dok. BAB1 li huwa *note book* ta' Ali Alfred Mouldi li xehed fis-16 ta' Marzu ta' din is-sena u li fid-depozizzjoni tieghu ghamel accenn ghal dana n-*note book*. Din id-depozizzjoni kien taha f'din il-kawza.

Spjega illi waqt dana l-interrogatorju dan Mouldi lilu qallu li dan in-*note book* kien ghaddihulu George Xuereb u jekk m'huwiex sejjer zball kien qallu ukoll li l-kitba li hemm fuq dana n-*note book* hija ta' George Xuereb.

Illi nhar il-15 ta' Marzu, 2005 xehdet **Maria Fatima Mifsud** u spjegat illi l-imputata Concetta Lia kienet ilha tafha xi tlett snin qabel ma kienet issellfet il-flus minghandha. Spjegat illi hi ghamlet xoghol ta' prostituzzjoni zmien qabel ma kienet issellfet il-flus minghand l-imputata u George Xuereb u spjegat li dan qisu xi hames snin jew sitt snin qabel ma ssellfet il-flus minghand l-imputata u George Xuereb li hija kienet bdiet fuq dan ix-xoghol ta' prostituzzjoni. Xtaqet hawnhekk tippreciza li ghalkemm hija qalet li ssellfet il-flus minghand Concetta Lia hija proprja l-flus kellha taghti ghax issellfithom minghand George Xuereb. Hija spjegat illi l-Concetta Lia kienet tghaddilha l-flus lilha biex hi imbaghad tghaddihom lil George Xuereb. Spjegat ukoll li meta ghamlu l-kuntratt tas-self l-imputata Concetta Lia kienet prezenti flimkien ma' George Xuereb. Hija minghand l-imputata Concetta Lia qatt ma ssellfet flus. Hija l-flus issellfithom minghand l-imputat George Xuereb. Hija mal-imputat George Xuereb kuntratti ta' self ta' flus wiehed ghamlet u spjegat illi f'dan il-kuntratt kien hemm prezenti l-imputata Concetta Lia. Spjegat illi meta hija ghamlet il-kuntratt ta' self mal-imputat George Xuereb in-nutar il-kuntratt kien qarahula. (sottolinear ta' din il-Qorti). Tikkonferma illi

hija b'salib tiffirma. Spjegat illi fuq il-kuntratt hija ghamlet firma ghaliex hija dak ikkuppjatu wara li kienu ikkupjawhula.

Spjegat li kienet Victoria Sciortino li kitbet fuq bicca karta l-firma taghha u hija kkupjajtha minn fuqha. Spjegat li din il-karta bil-firma kif ghamlitielha din Victoria hija kienet haditha maghha ghand in-nutar. Xtaqet tghid fuq domanda li saritilha li hija fil-fatt din Victoria Sciortino kienet prezenti ghal dan il-kuntratt pero' din ghamluha qabel u cioe' li din kitbitilha fuq bicca karta l-firma taghha ghax qaltilha li jekk tigi bzonn li tiffirma tkun taf kif ghandha taghmel il-firma. Dakinhar stess din Victoria Sciortino kienet ghamlitilha l-firma fuq bicca karta. Spjegat illi kien George Xuereb illi ghamel l-appuntament ghand in-nutar ghax hi n-nutar lanqas kienet tafu. (sottolinear ta' din il-Qorti). Spjegat illi meta hija giet biex tiffirma fuq il-kuntratt ikkupjat fuq il-karta li kienet ghamlitilha Victoria Sciortino. Dan sar quddiem in-nutar. Spjegat illi il-ftehim fuq il-kuntratt kien illi l-pagamenti kellhom isiru b'mija u hamsin lira (Lm150) fix-xahar.

Illi nhar is-27 ta' Frar, 2007 xehdet **Maria Fatima Mifsud** u spjegat illi hija kuntratti ta' self mal-imputata Concetta Lia qatt ma ghamlet. (sottolinear ta' din il-Qorti). Li ghamlet kuntratt wiehed ma' George Xuereb. Meta ghaddiet flus lil Concetta Lia l-flus kienu ghal George Xuereb. U dana skond kif stipultat fil-kuntratt. Hija tiffirma b'salib. Hija kienet iffirmat bil-firma fuq il-kuntratt ghax in-Nutar qallu li hu kellu jaghmel ismu. Spjegat illi n-Nutar huma kienu qalulu x'riedu u n-

Nutar imbaghad ghamel il-kuntratt fuq dak li qalulu. Imbaghad in-Nutar kien qaralha l-kuntratt. In-Nutar meta qralhom il-kuntratt fehemhom x'kien hemm miktub. Spjegat illi hija qabel ma kienet issellfet minghand George Xuereb hija kienet issellfet minghand Twanny il-Bona u spjegat illi biex thallas lil Twanny il-Bona kienet kellmet lil Concetta Lia.

Din kellmet lil George Xuereb u dana mbaghad kien ghaddielha l-flus u bil-flus li hija ssellfet minghand George Xuereb hallset lil Twanny il-Bona. Hija ma' Twanny il-Bona kellha problemi kbar. Spjegat illi huwa veru illi l-problemi li kellha ma' Twanny il-Bona hellset minnhom bl-ghajnuna ta' Concetta Lia u George Xuereb. Spjegat illi hija in kwantu ghal <u>dina n-negozju tal-flus li ssellfet ghaliha li kellha x'taqsam kien ma' George Xuereb.</u> (sottolinear ta' din il-Qorti). Spjegat illi Concetta Lia daqqa kienet tmur hi tmur d-dar taghha u l-mija u hamsin lira tkun ghaddiethom lilha u gieli mar ghall-flus George Xuereb u rreferit ghall-pagamenti ta' mija u hamsin lira riferiti fil-kuntratt. <u>Kwantu ghall-imghax l-imputat George Xuereb lilha hadilha mija b'mija. U meta hija ma kinitx ittih il-mija u l-hamsin lira lill-imputat Xuereb kienet ittih tmenin lira tal-imghax.</u> (sottolinear ta' din il-Qorti).

Hija certa li fl-incident li sehh il-Marsa hdejn il-kanal Concetta Lia kienet prezenti, kienet taqbez ghaliha. Meta hija kien ikollha l-flus gieli cemplet ghal Connie Lia biex tghaddilha l-flus. Peress li hija l-iktar li kienet taqbad ghalhekk kienet tippreferi li ccempel lilha milli

ccempel lil George Xuereb. Hija mal-imputata Connie Lia r-relazzjoni dejjem kienet wahda tajba u qatt ma kellha xi tghid maghha. Kienet thossha iktar komda li kienet iccempel lilha.

Spjegat li fl-istess zmien li hija kellha d-dejn ma' George Xuereb kellha ukoll dejn ma' haddiehor ukoll. U kkonfermat li hija biex thallas id-dejn kienet thallas ir-relief li kienet tircievi kif ukoll xoghol li kienet taghmel hija. Spjegat li hija fl-istess zmien li kellha dejn ma' George Xuereb kellha dejn ma' wahda Stella li zewgha jismu Peter u ma' wiehed Reno. Dana tafu biss b'Reno. Spjegat illi Stella kienet ghamlitilha kawza u rebhitielha u qeghda thallasha tletin lira fix-xahar. In kwantu ghal Reno l-kawza li ghamlilha kellha taghti lil George Xuereb kienet qed thallsu minn ghaxra, ghoxrin u anke tletin lira fix-xahar lil Reno.

Gie ssuggerit lilha mid-Difiza li Concetta lilha qatt ma ghamlitilha ricevuta tghid li le. Spjegat li Concetta Lia gieli ghamlitilha ricevuti dana anke fuq dan il-ktieb. Ikkonfermat li anke fuq dan il-ktieb Concetta Lia kitbet. Spjegat illi in kwantu ghall-karta sfuza li qeghda mal-istess ktieb spjegat illi dina hija karta li tahseb illi hija parti mill-istess ktieb. Spjegat illi George Xuereb kien jibqa' bil-karozza, hi tohrog barra ttih il-flus u ma tkunx hadet il-ktieb maghha u allura hu l-ircevuta kien inizzililha fuq bicca karta. Hija minghaliha li Concetta Lia l-ircevuta dejjem kienet taghmililha fuq il-ktieb. Spjegat illi l-karta

li jkun ghamlilha George u jkun ghamillha l-karta barra mid-dar hija kienet tqieghda fil-ktieb.

Mistqosija kif tispjegaha u spjegat illi fil-fatt fuq din il-karta kien hemm xi seba' entries mhux wahda spjegat li hija certa li tathom hija l-karta. Hija qalet li l-karta kienet tqieghda fil-ktieb. Ma tafx ghaliex imbaghad kien hemm entries ohrajn fuq il-karta ghax hija li tiftakar, huwa li hija darba l-ktieb kienet insitu. Tikkonferma li hija l-ewwel kienu nterrogawha l-Pulizija mbaghad xehdet quddiem il-Magistrat tal-Ghassa li ghamel l-inkjesta u wara xehdet quddiem din il-Qorti.

L-istess xhud fl-istess seduta in kontro ezami spjegat li hija l-ahhar pagament li kienet ghamlet qabel ma hija ghamlet ir-rapport lill-Pulizija u giet interrogata mill-Pulizija kien pagament li hi kienet ghamlitu lil Concetta Lia u li kien xi xahrejn jew tlett xhur qabel ma ghamlet rapport lill-Pulizija. Hija dak l-ahhar pagament pero' qalet illi kien jonqosha pagamenti ohra x'taghmel pero' hija wara dan l-ahhar pagament kienet hallset lil Connie Lia l-imghax u kienet tatha tmenin lira. Wara kienet marret Concetta Lia d-dar qabel ma hi harbet. Lilha qaltilha jekk hija ma kinitx se tlesti l-mija u hamsin lira lil George kien se jmur George u tghidx x'kien se jaghmlilha. U hi ghalhekk harbet.

Illi nhar it-3 ta' Frar, 2010 xehed **Martin Bajada** u ddikjara li in ezekuzzjoni tal-inkarigu moghti lilu minn din il-Qorti pprezenta kampjuni ta' kalligrafija tal-imputata Concetta Lia li qed jaghrafha

prezenti fl-Awla liema kampjuni ta' kalligrafija ghadhom kif ittiehdu seduta stante f'din is-seduta tallum fil-presenza tal-Qorti u liema kampjuni gew esebiti u mmarkati bhal dok CLM 1.

Illi nhar is-7 ta' Lulju, 2010 xehed **Martin Bajada** u in ezekuzzjoni tal-inkarigu moghti lilu minn din il-Qorti b'digriet datat 25 ta' Gunju, 2007 ipprezenta r-relazzjoni tieghu li qeghda tigi esebita u mmarkata bhala dok MB. Xtaq jghid illi flimkien mar-relazzjoni tieghu u precizament gewwa l-istess relazzjoni tieghu huwa qieghed jirritorna d-dok CLM 1irtirat minnu seduta stante. Qieghed jirritorna ukoll id-dokument li huwa kien irtira mill-atti ta' din il-kawza ghall-fini li jesegwixxi l-inkarigu moghti lilu li huma d-dokumenti dok BAB 1, dok VSP 1, dok MFM 1 u dok MFM 3.

Illi minn ezami ta' din ir-relazzjoni jirrizulta li effettivament huwa l-opinjoni tal-eseprt tekniku li l-evidenza hija tali li huwa eskluz li kienet Concetta Lia li kitbet dawn id-dokumenti.

Illi l-imputata ma xheditx f'dawn il-proceduri ghalkemm irrilaxjat stqarrija nhar il-15 ta' Dicembru, 2003 (Dok CJ 7) a fol. 33. Jinghad li f'din l-istqarrija l-imputata ma wiegbet ghall-ebda domanda li saritilha u ghalhekk ma hemmx wisq x'jinghad dwarha. Fl-atti hemm esebiti zewg stqarrijiet rilaxxjati minn George Xuereb pero' il-Qorti sejra tiskartahom in toto u dan ghaliex fil-konfront tal-imputata ma

jikkostitwixxu l-ebda stat u in oltre hija x-xhieda li tinghata viva voce quddiem l-imputata li ghanda jkollha piz vis a vis l-isess imputata.

Illi din il-kawza giet moghtija lil din il-Qorti kif preseduta b'digriet ta' Assenjazzjoni mis-Sinjurija Tieghu Prim Imhallef datat 21 ta' April, 2014.

Illi fis-Seduta tat-12 ta' Gunju, 2014 il-partijiet ezentaw lil din il-Qorti mill-htiega li terga' tisma x-xhieda mill-gdid u rremettew ruhhom ghall-atti processwali tant li l-kawza giet differita ghall-provi tad-difiza ghad-29 ta Gunju, 2014.

Illi dakinhar tad-29 ta' Gunju, 2014 il-prosekuzzjoni talbet is-separazzjoni tal-gudizzju fil-konfront tal-imputata odjerna stante li fl-istess seduta George Xuereb kien irregistra ammisjoni ghall-akkuzi kif moghtija fil-konfront tieghu u ghalhekk il-kawza giet differita ghas-sentenza fil-konfront ta' George Xuereb ghal nhar l-1 ta' Lulju, 2014.

Illi dakinhar tal-1 ta Lulju, 2014 din il-Qorti ppronunzjat ruhha fil-konfront ta' George Xuereb u dakinhar stess Goerge Xuereb xehed fil-konfront tal-imputata odjerna. Jghid li huwa kien ha *over loan* li kellha Maria Fatima Mifsud ma' terza persuna u kienu ghamlu kuntratt ghand in-Nutar Bisazza u jghid li l-imputata odjerna ma kellha x'taqsam xejn ma' dan is-self/dejn ta' Maria Fatima Mifsud.

Illi dakinhar stess l-Prosekuzzjoni rrimettiet ruhha ghall-atti proceswali waqt li d-difiza sostniet li d-dejn in kwistjoni ta' George Xuereb kien tieghu personali u fil-fatt l-istess George Xuereb gja nstab hati minn dawn l-istess reati dwar l-istess fatti li dwarhom xehedu x-xhieda f'dawn il-proceduri fejn gie kkundannat ihallas is-somma ta' ghaxar t'elef ewro bhala multa (ewro 10,000) u talbu lil Qorti tghaddi ghas-sentenza fil-kofnront tal-imputata odjerna.

Ikkunsidrat.

Illi huwa l-obbligu tal-prosekuzzjoni li tipprova l-akkuzi li nghataw fil-konfront tal-imputat. Huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-ahjar provi sabiex tikkonvinci lill-Qorti li l-akkuzi addebitati lil imputat huma veri u dan ghaliex kif jghid il-**Manzini** fil-ktieb tieghu **Diritto Penale Vol III Kap IV pagna 234, Edizione 1890**:-

*"Il cosi` detto onero della prova, cioe` il carico di fornire, spetta a chi accusa – onus probandi incumbit qui osservit."*

Huwa principju baziku pprattikat mill-Qrati taghna fil-procediment kriminali, li biex l-akkuzat jigi ddikjarat hati, l-akkuzi dedotti, ghandhom jigu ppruvati oltre kull dubju ragjonevoli, cioe' oltre kull dubju dettat mir-raguni.

Interessanti li ssir referenza f'dan l-istadju ghas-sentenza moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili Sede Kostituzzjonali nhar il-1 ta' Novembru, 2010 fl-ismijiet **Mario Camilleri u Pierre Camilleri vs L-Avukat Generali** dwar il-prova li ghandu jkun hemm ghal sejba ta' htija f'proceduri kriminali. In fatti f'din is-sentenza insibu referenza ghal proviso tas-sub artikolu (5) tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u kif din giet trasposta b'deklarazzjoni ghall-interpretazzjoni ghall-artikolu 6(2) tal-Konvenzjoni Ewropeja fejn inghad li:-

(i) *it is for the prosecution to prove the guilt of the accused beyond reasonable doubt;*

*(ii) if the accused is called upon, either by law or by the need to rebut the evidence adduced against him by the prosecution, to prove or disprove certain facts, he need only prove or disprove that fact or those facts on a balance of probabilities;*

*(iii) if the accused proves on a balance of probabilities a fact that he has been called upon to prove, and if that fact is decisive as to the question of guilt, then he is entitled to be acquitted;*

*(iv) to determine whether the prosecution has proved a fact beyond reasonable doubt or whether the accused has proved a fact on a balance of probabilities, account must be taken of all the evidence and of all the circumstances of the case;*

*(v) before the accused can be found guilty, whoever has to judge must be satisfied beyond reasonable doubt, after weighing all the evidence, of the existence of both the material and the formal element of the offence... ".*

Fis-sentenza fl-ismijiet **Andrew Ellul Sullivan et vs Il-Kummissarju tal-Pulizija u l-Avukat Generali**, deciza mill-Prim'Awla (Sede Kostituzzjonali) fit-8 ta' Lulju 2004 inghad:

*"…Illi kif imfisser f'sentenzi ewlenin moghtija mill-Qorti Ewropeja, il-prezunzjoni tal-innocenza tfisser li l-piz tal-prova jaqa' generalment fuq il-prosekuzzjoni. Huwa veru illi dan il-kaz hu principalment ibbazat fuq provi cirkostanzjali u biex dawn ikunu effettivi b'valur probatorju li wiehed jista' jorbot fuqhom, il-Qorti trid tkun sodisfatta illi dawn il-provi jippuntaw ghall-konkluzjoni wahda u wahda biss".*

F'dan l-istadju l-Qorti thoss li ghandha taghmel, referenza ghal sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar is-sebgha (7) ta' Settembru, 1994 fl-ismijiet '**Il-Pulizija vs Philip Zammit et'** u tghid pero' mhux kull l-icken dubju huwa bizzejjed sabiex l-imputat jigi ddikjarat liberat, hemm bzonn li '*dubbju jkun dak dettat mir-raguni.*'

Fil-fatt fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-hamsa ta' Dicembru, 1997 fl-ismijiet '**Il-Pulizija vs Peter Ebejer'**, dik il-

Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubju. Id-dubji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor, dak li l-gudikant irid jasal ghalih hu, li wara li jqis ic-cirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-buon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni. Fil-fatt dik il-Qorti ccitat l-ispjegazzjoni moghtija minn **Lord Denning** fil-kaz '**Miller vs Minister of Pension**' - 1974 - 2 ALL ER 372 tal-espressjoni *'proof beyond a reasonable doubt.'*

*"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence. 'of course it is possible but not in the least probable', the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice."*

Huwa mportanti ukoll li l-Qorti tfakkar lill-partijiet dwar x'jikkostitwixxu provi ndizzjarji. Fis-Sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar id-disgha ta' Gunju, 1998 fl-ismijiet '**Il-Pulizija vs Daeowood Sayed Dawood Abd el Kaader'** hemm referenza ghal dak li qal **Lord Normand** fil-kawza fl-ismijiet '**Teper vs The Queen**' ***[1952] AC 480, 489***.

*"It is also necessary before drawing the inference of the accused's guilt from circumstantial evidence to be sure that there are <u>no</u> (sottolinear ta' din il-Qorti) other co-existing circumstances which would weaken or destroy the inference."*

Ghalhekk kif intqal fis-Sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-hamsa (5) ta' Ottubru, 1998 fil-kawza fl-ismijiet '**<u>Il-Pulizija vs Joseph Gauci et</u>**', li:

*"Circumstantial evidence is often the best. It is evidence of surrounding circumstances which by undersigned coincidence is capable of proving a proposition with the accuracy of mathematics."*

Hawnhekk il-Qorti taghmel referenza ghal sentenza moghtija fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija versus Michael Ellul Vincenti</u>** deciza fit-tlieta (3) ta'Ottubru, elfejn u tlettax (2013) li kien jittratta kwazi l-istess meritu, l-argumenti tal-ewwel Qorti kienu bbazati fuq provi cirkostanzjali fejn ippretendiet ukoll ic-certezza pero' f'dan ir-rigward il-Qorti tal-Appell kienet ippronunzjat ruhha bis-segwenti:-

*"Jinghad mill-bidu nett li mkien fil-ligi ma tobbliga lill-Qorti illi hija tkun certa minghajr ombra ta'dubju dwar htija o meno tal-akkuzat. Ic-certezza tinsab fir-ren divin u fl-akkuzat illi jaf cert x'gara u ma*

*garax. Ghall-fini tal-gustizzja umana huwa bizzejjed illi dik il-prova tilhaq livell ta' minghajr dubju dettat mir-raguni u cioe' livell oghla mill-probabbli illi huwa bizzejjed biex jissodisfa xi tezi jew ohra tad-difiza*".

Il-Qorti taghmel referenza ukoll ghal sentenza moghtija ricentement fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Cyrus Engerer** deciza mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar it-8 ta' Mejju, 2014 ghalkemm il-fatti kienu daqxejn differenti fejn inghatat direzzjoni dwar it-tifsira ta' x'ghandu jikkostitwixxi '*circumstantital evidence*'. Fil-fatt irriteniet illi:-

*"ikun ahjar jekk fl-ewwel u qabel kollox tajjeb li ssir analizi ta' xi gurisprudenza f'pajjizna kif ukoll għal xi guristi Inglizi li daħlu fl-analizi tal-prova cirkostanzjali u senjatament spjegaw l-analizi li hija mistennija mill-Qorti li tkun qed tiggudika sabiex jigi stabbilit jekk il-provi cirkostanzjali humiex univoci".*

*"Fil-kaz fl-ismijiet* **Ir-*Repubblika ta' Malta v George Spiteri*** *deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-5 ta' Lulju, tas-sena elfejn u tnejn il-Qorti sostniet is-segwenti:*

*'Il-prova ndizzjarja trid tkun wahda assolutament univoka, li tipponta biss minghajr dubju dettat mir-raguni lejn fatt jew konkluzzjoni wahda...biex prova ndizzjarja tigi ammessa bhala prova valida fis-*

*sens li wiehed jista' ragjonevolment jasal ghall-konkluzjoni tieghu ta' htija in bazi taghha bla ebda dubju dettat mir-raguni, irid ikun moralment konvint minn dan ir-rekwizit tal-univocita' taghha, cioe' li dik il-prova tfisser biss u xejn aktar li l-akkuzat huwa hati ta' dak addebitat lilu u, allura, kull dubju ragjonevoli fir-rigward ghandu jmur favur l-akkuzat skond il-ligi.*

*"Fil-kaz fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija v Paul Grech</u>** deciza ukoll mill-Qorti tal-Appell fis-6 ta' April, tas-sena elfejn u wieħed intqal illi:-*

*"Il-provi fil-kamp kriminali jistghu jkunu kemm diretti u kif ukoll indizjali, basta dawn ikunu sufficjenti biex inisslu konvinciment morali f'mohh il-gudikant lil hinn minn kull dubju ragjonevoli mir-reita' tal-imputat".*

*"Anki fil-kaz **<u>Il-Pulizija v James Abela</u>** deciza wkoll mill-Qorti tal-Appell fil-ħdax ta' Lulju, elfejn u tnejn gie ddikjarat illi:-*

*"In kwantu d-dottrina tar-"res ipsa loquitur" timporta xi spostament tal-oneru tal-prova, tali dottrina ma tista' qatt issib post fil-kamp penali. In kwantu, pero', b' "res ipsa loquitur" wiehed jifhem biss li l-fatti - inkluzi provi ndizjarji - "circumstantial evidence" - ikunu tali li l-gudikant ihossu moralment konvint li jista' jigbed certi konkluzjonijiet minn dawk il-fatti, allura wiehed m'ghandux jitkellem dwar "res ipsa*

*loquitur" izda dwar dak li fid-dottrina Ingliza jissejhu "presumptions of fact”.... F'materja ta' incidenti stradali l-provi ndizjarji hafna drabi jista' jkunu siewja ferm u xi drabi jistghu anki jkunu siewja ferm aktar minn dawk okulari li, kulltant jistghu jkunu biss soggettivi u kulltant, u x'aktarx iva milli le, ikunu kuluriti b' dak li jissejjah "esprit de voiture".*

*Imbaghad fejn ma jkunx hemm xhieda okulari li jistghu jiddeskrivu jew jispjegaw dak li gara, dawn il-provi ndizjarji, jistghu facilment u minghajr bzonn ta' hafna tigbid, jaghtu stampa cara tad-dinamika tal-incident. S'intendi, bhal kull prova indiretta ohra, iridu jkunu tali li jwasslu ghall-konkluzjoni univoka u li biha l-gudikant ikun moralment konvint lill hinn minn kull dubju dettat mir-raguni mill-htija jew responsabbilta' kriminali tal-imputat jew akkuzat...hu dover tal-Qorti li tara jekk mill-assjem tal-provi cirkostanzjali jirrizultax b'mod li jkun sodisfatt il-konvinciment morali tal-gudikant sal-grad rikjest fil-process penali tirrizultax htija ta' sewqan hazin’*.

Illi fil-kaz odjern jirrizulta u dan mix-xhieda ta’ George Xuereb stess li huwa kien assuma dejn li kellha Maria Fatima Mifsud li skond Maria Fatima Mifsud kien ma’ certu Twanny maghruf bhala “il-Bona” u dan permezz ta’ kuntratt li gie redatt minn Nutar Bisazza nhar is-6 ta’ April, 2000 (Dok VSP 2 a fol. 76) tal-atti. Illi f’dan il-kuntratt jidher li Victoria Sciortino u Maria Fatima Mifsud ikkostitwixxu ruhom bhala debituri certi u likwidi ta’ George Xuereb f’somom hemm indikati waqt li jidher ukoll li l-istess Victoria Sciortino u Maria Fatima Mifsud

ikkancellaw il-kuntratti li kienu ghamlu mal-imputata ukoll dwar xi self. M’hemmx dubju li in effetti George Xuereb baqa’ l-uniku kreditur ta’ Maria Fatima Mifsud u Victoria Sciortino.

Illi l-imputata odjerna cahdet l-akkuzi moghtija fil-konfront taghha u cioe’ li hija kienet involuta f’xi uzura ma’ Maria Fatima Mifsud u Victoria Sciortino pero’ jirrizuta li kienet qed tghix ma’ George Xuereb li kienu partners fiz-zmien meta George Xuereb kien silef flus lill-imsemmija Mifsud u Sciortino.

**Maria Fatima Mifsud** ma tantx hi kredibli f’dak li tghid u dan ghaliex tghid ghal draba darbtejn li in effetti l-imputata kienet tmur tigbor xi flejjes dovuti lilha u lil George Xuereb u kienet taghmillha xi ricevuta fuq xi ktieb. Meta dan il-ktieb gie ezaminat mill-espert nominat mill-Qorti Martin Bajada dan ikkonkluda li ma kien hemm l-ebda kitba tal-imputata. Ulied Maria Fatima Mifsud jghidu li kien George Xuereb li kien sellifhom xi flus b’imghax gholi u cioe’ lira b’lira u mhux l-imputata odjerna ghalkemm jghidu li kienet taf dwar dan is-self. Fix-xhieda taghha tas-27 ta Frar, 2007 ix-xhud Mifsud tghid li kull darba li hija tat xi flus lil-imputat kienet taf li dawn kienu dovuti lil George Xuereb. Fil-fatt dwar l-imputata tghid li din kienet taqbez ghaliha u kienet ghalhekk tippreferi ccempel lilha biex tmur ghall-flus milli tiltaqa’ ma’ George Xuereb.

**Victoria Sciortino** tghid bic-car li s-self li hadet ma’ Carmelo Mifusd sabiex krew dar ghamluh ma’ George Xuereb. Qatt ma ssemmi li kienet isselfet minghand l-imputata pero’ a fol. 47 tghid li kienet l-imputata li kienet tmur tigbor il-pagamenti dovuti lil George Xuereb u tikteb xi ricevuta fuq il-librett li kellhom. (Irrizulta aktar tard li dan ma kienx minnu ghaliex kitba tal-imputat Concetta Lia fuq il-librett tar-ricevuti ma kienx hemm). Fil-fatt anke aktar tard fix-xhieda taghha tghid li hija baqghala bilanc ma’ George Xuereb u addirittura tghid ukoll kemm kienet lahqet ghadietlu flus lura. Imkien ma ssemmi lill-imputata vis a vis is-self bl-uzura.

**Grace Grech** ukoll tispjega li ommha Maria Fatima Mifsud kienet issellfet flus minghand diversi nies fosthom Stella Fiorini u George Xuereb. Qatt ma semmi lill-imputata f’dan ir-rigward pero’ tghid li gieli marret tigbor xi pagament dovut lil George Xuereb.

**Lorraine Attard** li tigi omm Vitoria Sciortino tghid li hija ghamlet xi zmien tghix ma’ bintha ghand Maria Fatima Mifsud u wara fid-dar ta’ bintha u taf lill-imputata flimkien ma’ George Xuereb ghaliex kienet taraha ma’ George Xuereb meta dan kien imur jigbor xi flus minghand Maria Fatima Mifsud. Tghid li Maria Fatima Mifsud kienet taghmel xi pagamenti lil George Xuereb.

**Ali Alfred Mouldi** ukoll jghid li kien issellef xi flus minghand George Xuereb kif imsemmi aktar il-fuq fix-xhieda tieghu u meta gie mistoqsi

dwar jekk issellifx flus minghand l-imputata odjerna jwiegeb fin-negattiv u jghid li s-self dejjem ma' George Xuereb ghalkemm l-imputata Connie Lia gieli kienet tkun presenti u fil-fatt a fol. 95 jghid li huwa ma kellu x'jaqsam xejn mal-imputata odjerna.

Ghalhekk in vista tas-suespost ma jistghax jinghad minghajr dubju dettat mir-raguni li effettivament l-imputata kkommettiet ir-reat ta' uzura. Dwar il-kuntratt ta' self esebit fl-atti, il-fatt li bniedem isellef flus f'okkazjoni wahda ma jfissirx li qed jaghmilha ta' xi stituzzjoni finanzjajra jrid ikun hemm '*a course of conduct*' fis-sens self regolari kif kien jaghmel George Xuereb biex jista' jigi mputat lilu dan ir-reat. Biex bniedem isellef flus f'okkazjoni wahda u dan skond id-dettami tal-ligi ma jkollux bzonn xi permess mill-Awtorita' kompetenti u ghalhekk din l-akkuza ma tirrizultax provata. Lanqas ma tista' tghid li l-imputata hija komplici u dan ghaliex biex tkun komplici f'reat irid ikun hemm *a common design* qabel ma jsehh ir-reat u mhux wara.

Dwar l-akkuza talli ghexet ghal kollox jew in parti mill-qliegh tal-prostituzzjoni ta' Maria Fatima Mifsud. Jinghad li ghalkemm Maria Fatima Mifsud tghid li kellha tipprostitwixxi ruhha sabiex ikollha flus sabiex thallas lil George Xuereb imkien ma jirrizulta li kienet taghmel dan ghall-imputata odjerna u jekk kien hemm xi okkazjoni meta l-imputata marret tigbor xi flus minghandha waqt li kienet tkun il-Marsa l-flus li setghet gabret ma kienux ghaliha izda ghal George Xuereb u hija m'ghandha l-ebda parentela ma' dan George Xuereb.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-Artikoli tal-Ligi u cioe l-**Artikoli 298C(5) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, Artikolu 7(1) tal-Kapitolu 63 tal-Ligijiet ta' Malta, Avviz Legali 407/07 Att III tas-sena 2002 u Att XXII tal-1994 tiddecidi li ma ssibx lill-imputata hatja u tilliberaha minn kull imputazzjoni u htija.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------